Attendenza regolari fl-iskola tgħin lill-istudenti jilħqu l-potenzjal edukattiv, soċjali u psikoloġiku tagħhom biex jgħixu ħajja aktar kompluta bħala ċittadini attivi. L-istudenti għandhom jattendu l-iskola b'mod regolari mill-eta' ta' 5 snin.

**Għanijiet tal-Linji Gwida:**

- Studenti li jattendu regolarment iktar ikomplu jistudjaw
- L-istudenti imorru tajjeb u tonqos id-differenza bejn studenti differenti fejn tidħol il-prestazzjoni tagħhom fl-iskola
- Jiġu identifikati xejriet fl-attendenza biex jinħolqu aktar miżuri/inċentivi ħalli aktar studenti jattendu b'mod regolari
- Issir verifika li studenti individwali qegħdin jimxu mal-leġislazzjoni edukattivi marbuta ma' attendenza obbligatorja
- Tippromwovi l-valur tal-edukazzjoni

## 1. Assenza Ġustifikata

Jekk l-istudent ma jattendix skola għal **ġurnata waħda biss** nota miktuba mill-ġenitur/kustodju lill-Kap tal-Iskola għandha tkun biżżejjed. Jekk it-tifel/tifla jkun/tkun marid/a u jarah/a t-tabib, iċ-ċertifikat mediku jista' jingħata lill-iskola flok in-nota.

L-assenza tal-istudent/a tista' tiġi approvata jekk il-Kap tal-Iskola j/tiġi ppreżentat/a bid-dokumentazzjoni neċessarja f'ċerti ċirkostanzi.

## 2. Assenza mhix Ġustifikata

Jekk student/a ma jattendix/tattendix skola għal tlitt ijiem jew iktar f'xahar mingħajr ġustifikazzjoni, membri tal-Education Psycho-Social Services jiġu nfurmati u tittieħed azzjoni.

## 3. Assenza minħabba mard

Meta l-istudenti jibdew jattendu l-iskola, jingħataw **Medical Certificate Record Card** (MCRC). Kull meta l-istudenti jkunu morda u l-ġenituri jeħduhom għand it-tabib, il-ġenituri/kustodji għandhom jieħdu magħhom l-MCRC. It-tabib jimla l-MCRC u joħroġ ċertifikat mediku. Jekk l-istudent ikun/tkun marid/a għal aktar minn jumejn konsekuttivi, il-ġenituri/kustodji jintalbu ċertifikat mediku mill-iskola.

Iċ-**Ċertifikat Mediku** u l-**MCRC** jiġu aċċettati mill-iskola jekk ikollhom din l-informazzjoni:

a) l-isem, il-kunjom u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-tabib,
b) l-isem tal-istudent,
c) il-klassi u l-iskola fejn j/tattendi l-istudent/a,
d) id-data tal-eżaminazzjoni jew id-data ta' meta nħareġ iċ-ċertifikat minħabba l-mard,
e) in-numru ta' ġranet eżatt li l-istudent/a se jkun/tkun nieqes/nieqsa mill-iskola minħabba l-mard. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi mġedded wara perjodu ta' 7 ijiem wara xulxin.
f) Iċ-ċertifikat mediku u l-**MCRC** għandu jingħata lill-iskola sa mhux iktar tard minn 3 ijiem wara li l-istudent/a jirritorna/tirritorna l-iskola. Jekk l-istudent/a ikun/tkun marid/a għal aktar minn 5 ijiem wara xulxin, iċ-ċertifikat għandu jingħata lill-iskola sa tmiem il-ħames ġurnata.
g) L- **MCRC** għandu jibqa' jintuża minn sena skolastika għall-oħra.

4. **Vjaġġar barra minn Malta/Safar**

Meta l-istudenti jsiefru matul is-sena skolastika dawn jiġu kkunsidrati bħala assenti.

Jekk ikun hemm raġuni valida għal dan l-ivvjaġġar, il-ġenituri/kustodji għandhom jiktbu nota lill-Kap tal-Iskola fejn jispjegaw ir-raġuni għall-ivvjaġġar, jipprovdu kopji tal-biljetti tal-ivvjaġġar u meta jirritornaw l-iskola jipprovdu provi tal-attivita' li kellha ssir.

Meta l-ivvjaġġar jinvolvi aktar minn 15-il ġurnata tal-iskola, il-ġenituri/kustodji għandhom jimlew formola apposta. Kopja ta' din il-formola tintalab mill-uffiċċju tal-iskrivani.

5. **Immarkar tal-Attendenza**

Meta l-istudent/a jkun/tkun assenti mill-iskola, hu/hi jiġu mmarkati bħala assenti. Iżda meta d-dokumentazzjoni tingħata lill-iskola u l-assenza tal-istudent/a tkun ġustifikata, l-istudent/a jiġi/tiġi mmarkat/a bħala *Excused* (skużat/skużata) jew *Medical Absence* (falla/falliet minħabba raġunijiet mediċi) skont kif jindikaw id-dokumenti.

6. **Aġġornament tad-Dettalji tal-Istudenti**

Jekk ikun hemm tibdil fid-dettalji tal-istudenti, il-ġenituri/kustodji għandhom jinfurmaw lill-iskola dwar dan it-tibdil.